KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fis-27 ta’ April 2023[1]

**Kawża C-807/21**

**Deutsche Wohnen SE**
**vs**
**Staatsanwaltschaft Berlin**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kammergericht Berlin (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta’ Berlin, il-Ġermanja))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tad-data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Ksur – Imputazzjoni lil impriża ta’ ksur imwettaq mill-impjegati tagħha – Eventwali responsabbiltà mingħajr *culpa* – Traspożizzjoni ta’ kunċetti żviluppati fid-dritt tal-kompetizzjoni”

1. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari joffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiddeċiedi dwar il-kundizzjonijiet li fihom multa amministrattiva tista’ tiġi imposta fuq persuna ġuridika għal ksur tar-Regolament (UE) 2016/679[2].

2. B’mod partikolari għandu jiġi ddeterminat:

– Jekk il-persuna ġuridika tistax tiġi ssanzjonata mingħajr ma jkun neċessarju li tiġi kkonstatata minn qabel ir-responsabbiltà ta’ persuna fiżika.

– Jekk il-ksur li huwa ssanzjonat għandux, fi kwalunkwe każ, ikun meqjus bħala intenzjonali jew negliġenti, jew jekk is-sempliċi ksur oġġettiv ta’ obbligu huwiex biżżejjed.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

[2] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta’ April 2016, dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ *data* personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2008, L 127, p. 2). Iktar ’il quddiem il-“GDPR”.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni. Il-GDPR*

3. Il-premessa 74 tiddikjara:

"Ir-responsabbiltà tal-kontrollur għal kwalunkwe pproċessar ta' data personali li jitwettaq mill-kontrollur jew f'isem il-kontrollur għandha tiġi stabbilita. B'mod partikolari, il-kontrollur għandu jkun obbligat jimplimenta miżuri adatti u effettivi u jkun jista' juri l-konformità tal-attivitajiet ta' pproċessar ma' dan ir-Regolament, inkluża l-effettività tal-miżuri. Dawk il-miżuri għandhom jikkunsidraw in-natura, l-ambitu, il-kuntest u l-għanijiet tal-ipproċessar u r-riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi."

4. Il-premessa 150, taqra:

"Sabiex issaħħaħ u tarmonizza l-pieni amministrattivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament, kull awtorità superviżorja għandu jkollha s-setgħa li timponi multi amministrattivi. Dan ir-Regolament għandu jindika l-ksur u l-limitu massimu u l-kriterji biex jiġu stabbiliti l-multi amministrattivi relatati, li għandhom jiġu ddeterminati mill-awtorità superviżorja kompetenti f'kull każ individwali, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tas-sitwazzjoni speċifika, filwaqt li jittieħed kont dovut b'mod partikolari għan-natura, il-gravità u t-tul taż-żmien tal-ksur u tal-konsegwenzi tiegħu u l-miżuri meħudin biex tiġi żgurata konformità mal-obbligi taħt dan ir-Regolament u għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni tal-konsegwenzi tal-ksur. Fejn il-multi amministrattivi jiġu imposti fuq intrapiża, 'intrapriża' għandha tinftiehem bħala intrapriża skont l-Artikoli 101 u 102 TFUE għal dawk il-finijiet. […] Il-mekkaniżmu ta' konsistenza jista' jintuża wkoll biex jippromwovi applikazzjoni konsistenti tal-multi amministrattivi. […]"

5. L-Artikolu 4 ("Definizzjonijiet") jistabbilixxi li:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

[…]

7) 'kontrollur' tfisser persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew kwalunkwe korp ieħor li, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' data personali; fejn l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ikunu ddeterminati mil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, il-kontrollur jew il-kriterji speċifiċi għall-ħatra tiegħu jistgħu jiġu determinati mil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru;

8) 'proċessur' tfisser persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor li jipproċessa data personali f'isem il-kontrollur;

[…]

18) 'impriża' tfisser persuna fiżika jew ġuridika involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-forma legali tagħha, inkluż sħubiji [kumpanniji] jew assoċjazzjonijiet regolarment involuti f'attività ekonomika;

[…]."

6. Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 58 ("Setgħat") jipprovdi li:

"Kull awtorità superviżorja għandu jkollha s-setgħat kollha korrettivi li ġejjin:

a) li toħroġ twissijiet lil kontrollur jew proċessur li l-operazzjonijiet ta' pproċessar maħsuba x'aktarx jiksru dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;

b) li ċċanfar kontrollur jew proċessur fejn l-operazzjonijiet ta' pproċessar ikunu kisru dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;

c) li tordna lill-kontrollur jew il-proċessur jikkonforma mat-talbiet tas-suġġett tad-data li jeżerċita d-drittijiet tiegħu skont dan ir-Regolament;

d) li tordna lill-kontrollur jew il-proċessur jagħmel operazzjonijiet ta' pproċessar konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, fejn xieraq, b'mod speċifiku u f'perijodu ta' żmien speċifiku;

[…]

i) li timponi multa amministrattiva skont l-Artikolu 83, flimkien ma', jew minflok il-miżuri msemmija f'dan il-paragrafu, skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali;

[…]."

7. L-Artikolu 83 ("Kondizzjonijiet ġenerali biex jiġu imposti multi amministrattivi") jistipula li:

"1. Kull awtorità superviżorja għandha tiżgura li l-impożizzjoni ta' multi amministrattivi skont dan l-Artikolu fir-rigward ta' ksur ta' dan ir-Regolament imsemmi fil-paragrafi 4, 5 u 6 għandha tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva f'kull każ individwali.

2. Il-multi amministrattivi għandhom, skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali, jiġu imposti flimkien ma', jew minflok, miżuri msemmija fil-punti (a) sa (h) u (j) tal-Artikolu 58(2). Meta jiġi deċiż jekk għandiex tiġi imposta multa amministrattiva u jiġi deċiż l-ammont tal-multa amministrattiva, f'kull każ individwali, għandha tingħata konsiderazzjoni dovuta lil dawn li ġejjin:

a) in-natura, il-gravità u d-dewmien tal-ksur b'kont meħud tan-natura, l-ambitu jew il-fini tal-ipproċessar ikkonċernat kif ukoll l-għadd ta' suġġetti tad-data affettwati u l-livell ta' dannu mġarrab minnhom;

b) il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur;

c) kwalunkwe azzjoni meħuda mill-kontrollur jew il-proċessur biex jittaffa d-dannu mġarrab mis-suġġetti tad-data;

d) il-grad ta' responsabbiltà tal-kontrollur jew il-proċessur b'kont meħud tal-miżuri tekniċi u organizzattivi implimentati minnu skont l-Artikoli 25 u 32;

e) kwalunkwe ksur preċedenti rilevanti mill-kontrollur jew il-proċessur;

f) il-grad ta’ kooperazzjoni mal-awtorità superviżorja, sabiex jiġi rimedjat il-ksur u jittaffew l-effetti avversi possibbli tal-ksur;

g) il-kategoriji ta’ data personali affettwati mill-ksur;

h) il-mod li bih il-ksur sar magħruf mill-awtorità superviżorja, b’mod partikolari jekk, u jekk ikun hekk il-każ sa fejn, il-kontrollur jew il-proċessur innotifika l-ksur;

i) fejn miżuri msemmija fl-Artikolu 58(2), ikunu ġew ordnati minn qabel kontra l-kontrollur jew il-proċessur ikkonċernat fir-rigward tal-istess suġġett, il-konformità ma’ dawk il-miżuri;

j) l-aderenza mal-kodiċijiet approvati ta’ kondotta skont l-Artikolu 40 jew mal-mekkaniżmi approvati ta’ ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 42; u

k) kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ, bħal benefiċċji finanzjarji miksuba, jew telfiet evitati, direttament jew indirettament, mill-ksur.

3. Jekk kontrollur jew proċessur, intenzjonalment jew b’negliġenza, għall-istess operazzjonijiet ta’ pproċessar jew għal dawk b’rabta ma’ xulxin, jikser diversi dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament, l-ammont totali tal-multa amministrattiva ma għandux jaqbeż l-ammont speċifikat għall-ksur l-aktar gravi.

4. Il-ksur tad-dispożizzjonijiet li ġejjin għandu, f’konformità mal-paragrafu 2a, ikun soġġett għal multi amministrattivi sa EUR 10 000 000, jew fil-każ ta’ impriża, sa 2 % tal-fatturat annwali dinji totali tas-sena finanzjarja preċedenti, skont liema jkun l-ogħla […].

5. Il-ksur tad-dispożizzjonijiet li ġejjin għandu, f’konformità mal-paragrafu 2a, ikun soġġett għal multi amministrattivi sa EUR 20 000 000, jew fil-każ ta’ impriża, sa 4 % tal-fatturat annwali dinji totali tas-sena finanzjarja preċedenti, skont liema jkun l-ogħla:

[…]

6. Nuqqas ta’ konformità ma’ ordni mill-awtorità superviżjorja kif imsemmija fl-Artikolu 58(2) għandu, f’konformità mal-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, ikun soġġett għal multi amministrattivi sa EUR 20 000 000, jew fil-każ ta’ impriża, sa 4 % tal-fatturat annwali dinji totali tas-sena finanzjarja preċedenti, skont liema jkun l-ogħla.

[…]

8. L-eżerċizzju mill-awtorità superviżorja tas-setgħat tagħha taħt dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għal salvagwardji proċedurali xierqa f’konformità mal-liġi tal-Unjoni u l-liġi tal-Istat Membru, inklużi rimedju ġudizzjarju u proċess dovut effettivi.

[…].”

### *B. Id-dritt nazzjonali. L-Ordnungswidrigkeitengesetz (il-Liġi dwar il-Ksur Amministrattiv)*[3]

8. Skont l-Artikolu 9(1), meta persuna taġixxi bħala a) korp (jew membru ta' dan il-korp) awtorizzat sabiex jirrappreżenta persuna ġuridika, b) soċju awtorizzat sabiex jirrappreżenta kumpannija li għandha personalità ġuridika jew ċ) rappreżentant legali ta' terz, fil-konfront tagħha ser tkun applikabbli kull liġi li permezz tagħha l-funzjonijiet, ir-relazzjonijiet jew iċ-ċirkustanzi personali partikolari jiġġustifikaw eventwali sanzjoni meta dawn iċ-ċirkustanzi ma jkunux issodisfatti fir-rigward tagħha, iżda f'dik tal-persuna rrappreżentata.

9. Skont l-Artikolu 9(2), dan japplika wkoll fil-każ ta' proprjetarju ta' stabbiliment (impriża) li jafda, totalment jew parzjalment, f'idejn persuna oħra t-tmexxija tiegħu jew it-twettiq, taħt ir-responsabbiltà rispettiva tiegħu, tal-kompiti tal-proprjetarju.

10. L-Artikolu 30(1) jippermetti li tiġi imposta multa amministrattiva fuq persuna ġuridika meta l-persuna fiżika li tirrappreżentaha, tmexxiha jew hija responsabbli għall-ġestjoni tagħha tkun wettqet reat kriminali jew tkun naqset milli twettaq l-obbligi tal-persuna ġuridika.

11. Skont l-Artikolu 30(4), ma hemmx lok li tiġi imposta multa awtonoma fuq persuna ġuridika jekk, minħabba l-ksur kriminali jew il-ksur amministrattiv, ma jinbdewx, jiġu sospiżi jew jiġu konklużi proċeduri kriminali jew amministrattivi kontra l-persuna fiżika.

12. Skont l-Artikolu 130(1), dak li, bħala proprjetarju ta' negozju jew impriża, jastjeni, b'mod intenzjonali jew b'negliġenza, milli jieħu l-miżuri ta' sorveljanza neċessarji sabiex jipprevjeni, fi ħdan in-negozju jew fl-impriża, il-ksur tal-obbligi li għalihom huwa suġġett il-proprjetarju tagħha u li l-ksur tiegħu huwa suġġett għal piena jew multa, iwettaq ksur amministrattiv jekk dan il-ksur seta' jiġi prekluż jew magħmul iktar diffiċli permezz ta' miżuri ta' sorveljanza xierqa, fosthom il-ħatra, l-għażla bir-reqqa u l-kontroll tal-persuni responsabbli mill-kontrolli.

## II. Il-fatti, il-kawża u d-domandi preliminari

13. Deutsche Wohnen SE (iktar 'il quddiem, "Deutsche Wohnen") hija kumpannija immobiljari kkwotata fil-Borża u li għandha s-sede tagħha f'Berlin. Hija għandha ishma indiretti f'madwar 163 000 abitazzjoni u 3 000 binja kummerċjali.

14. Il-proprjetarji ta' dawn il-proprjetajiet immobbli huma sussidjarji marbuta ma' Deutsche Wohnen ("kumpanniji proprjetarji") li jeżerċitaw l-attività operattiva, filwaqt li Deutsche Wohnen għandha r-responsabbiltà tat-tmexxija ċentrali tal-grupp. Il-kumpanniji proprjetarji jikru l-akkomodazzjonijiet u l-binjiet kummerċjali, li huma amministrati minn kumpanniji oħra tal-grupp, imsejħa impriżi ta' servizzi.

15. Fil-kuntest tal-attivitajiet kummerċjali tagħhom, Deutsche Wohnen u l-kumpanniji tal-grupp jipproċessaw id-data personali tal-kerrejja tal-proprjetajiet immobbli. Din id-data hija, b'mod partikolari, prova tal-identità, tad-data fiskali, tas-sigurtà soċjali u tal-assigurazzjoni għall-mard, kif ukoll data dwar il-kirjiet preċedenti.

[3] Il-Liġi tal-24 ta' Mejju 1968 (BGBl. I 481; III 454-1), fil-verżjoni tad-19 ta' Frar 1987 (BGBl. I, p. 602), emendata bil-Liġi tad-19 ta' Ġunju 2020 (BGBl. I, p. 1328). Iktar 'il quddiem, l-"OWiG."

16. Fit-23 ta' Ġunju 2017, il-Berliner Beauftragte für den Datenschutz (l-awtorità kompetenti f'Berlin fil-qasam tal-protezzjoni tad-data; iktar 'il quddiem l-"awtorità għall-protezzjoni tad-data"), waqt spezzjoni fuq il-post, indikat lil Deutsche Wohnen li l-kumpanniji tal-grupp tagħha jaħżnu d-data personali tal-kerrejja f'sistema ta' arkivjar elettroniku li fir-rigward tagħha ma kienx possibbli li jiġi ddeterminat jekk il-ħażna kinitx neċessarja u jekk kinux jeżistu garanziji li d-data li ma kinitx iktar meħtieġa tiġi mħassra.

17. L-awtorità għall-protezzjoni tad-data ordnat lil Deutsche Wohnen tħassar, minn dak il-mument 'il quddiem u sa mhux iktar tard mill-aħħar tas-sena 2017, ċerti dokumenti mis-sistema ta' arkivjar elettroniku.

18. Deutsche Wohnen ċaħdet din l-ordni minħabba li tali tħassir ma kienx possibbli għal raġunijiet tekniċi u legali. Din l-oġġezzjoni ġiet indirizzata waqt laqgħa bejn Deutsche Wohnen u l-awtorità għall-protezzjoni tad-data, li matulha din tal-aħħar indikat li kienu jeżistu soluzzjonijiet tekniċi għat-tħassir tad-data. Id-diskussjonijiet komplew u Deutsche Wohnen ħabbret li hija kellha l-intenzjoni li timplimenta sistema ġdida li tissostitwixxi dik mhux aċċettata mill-awtorità għall-protezzjoni tad-data.

19. Fil-5 ta' Marzu 2020, l-awtorità għall-protezzjoni tad-data wettqet spezzjoni ġewwa l-uffiċċju ewlieni tal-grupp, li matulha ngħabru 16-il test aleatorju totali mid-databases. Fl-istess ħin, Deutsche Wohnen informat lill-awtorità li s-sistema ta' arkivjar kkontestata kienet diġà ġiet diżattivata u li l-migrazzjoni tad-data lejn is-sistema l-ġdida kienet ser issir immedjatament.

20. Fit-30 ta' Ottubru 2020, l-awtorità għall-protezzjoni tad-data ssanzjonat lil Deutsche Wohnen talli:

– Intenzjonalment naqset, bejn il-25 ta' Mejju 2018 u l-5 ta' Marzu 2019, milli tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tippermetti t-tħassir perijodiku tad-data tal-kerrejja li ma kinitx iktar neċessarja li tinħażen jew li għadha tinżamm indebitament għal raġunijiet oħra.

– Żammet maħżuna data personali li kienet tikkonċerna mill-inqas 15-il kerrej li kienu identifikati b'mod iktar preċiż, filwaqt li kienet konxja li din id-data ma kinitx jew ma baqgħetx iktar neċessarja.

21. Il-multi imposti kienu jammontaw għal EUR 14 385 000 minħabba ksur intenzjonali tal-Artikolu 25(1) u tal-Artikolu 5(1)(a), (c) u (e) tal-GDPR, u għal ammonti ta' bejn EUR 3 000 u EUR 17 000, għall-15-il ksur tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR.

22. Deutsche Wohnen ippreżentat rikors kontra s-sanzjonijiet quddiem il-Landgericht Berlin (il-Qorti Reġjonali ta' Berlin, il-Ġermanja), l-awtorità ġudizzjarja li laqgħet dan ir-rikors.

23. L-iStaatsanwaltschaft Berlin (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' Berlin, il-Ġermanja) ikkontesta d-deċiżjoni tal-ewwel istanza quddiem il-Kammergericht Berlin (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Berlin, il-Ġermanja), li għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 83(4) sa (6) tal-[GDPR] għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkorpora fid-dritt nazzjonali l-kunċett funzjonali ta' impriża u l-prinċipju tal-entità funzjonali [(Funktionsträgerprinzip)] marbuta mal-Artikoli 101 u 102 TFUE, bil-konsegwenza li, billi jestendi l-prinċipju tal-entità legali [(Rechtsträgerprinzip)]li fuqu jibbaża l-Artikolu 30

tal-[OWiG], proċedura ta' ksur amministrattiv tkun tista' tittieħed direttament kontra impriża u l-impożizzjoni ta' multa ma teħtieġx il-konstatazzjoni ta' ksur amministrattiv imwettaq minn persuna fiżika identifikata, li tissodisfa, skont il-każ, l-elementi kollha li jikkostitwixxu l-ksur?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: l-Artikolu 83(4) sa (6) tal-[GDPR], għandu jiġi interpretat fis-sens li l-impriża għandha tkun wettqet b'mod żbaljat [b'*dolo* jew b'negliġenza] il-ksur bl-intervent ta' kollaboratur [ara l-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 [[4] (...)], jew, ksur oġġettiv ta' obbligu tal-impriża huwa bħala prinċipju suffiċjenti sabiex tiġi imposta multa fuq l-impriża ('*strict liability*')?"

## III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

24. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Diċembru 2021.

25. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati minn Deutsche Wohnen, mill-Gvern Ġermaniż, mill-Gvern Estonjan, mill-Gvern Norveġiż u mill-Kummissjoni Ewropea.

26. Fid-9 ta' Novembru 2002, skont l-Artikolu 101(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja stiednet lill-qorti tar-rinviju tippreċiża:

– L-effett eventwali tal-Artikolu 130 tal-OWiG fuq l-ewwel waħda mid-domandi magħmula.

– Ir-raġunijiet li għalihom hija tqis li risposta għat-tieni domanda preliminari kienet neċessarja, peress li, skont id-deċiżjoni tar-rinviju, is-sanzjonijiet ġew imposti minħabba ksur intenzjonali ta' diversi dispożizzjonijiet tal-GDPR.

27. Il-kjarifiki kkonċernati ġew irreġistrati fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Jannar 2023.

28. Fis-seduta, li nżammet fis-17 ta' Jannar 2023, dehru, apparti dawk li kienu ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

## IV. Analiżi

### *A. L-ewwel domanda preliminari*

#### *1. L-osservazzjonijiet preliminari*

29. L-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju hija, essenzjalment, dik dwar jekk, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, persuna ġuridika tistax tiġi ssanzjonata għal ksur tal-GDPR mingħajr ma jkun neċessarju li dan il-ksur jiġi imputat, minn qabel, lil persuna fiżika.

[4] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol 2, p. 205).

30. Madankollu, il-qorti tar-rinviju introduċiet diversi elementi ta' kumplessità fid-domanda tagħha:

– Hija tidentifika, fl-Artikolu 83(4) sa (6) tal-GDPR, ir-regola li l-interpretazzjoni tagħha tista' tagħti risposta għad-domanda tagħha.

– Hija tirreferi għal dawk li tikklassifika bħala "kunċett funzjonali ta' impriża u l-prinċipju tal-entità funzjonali marbuta mal-Artikoli 101 u 102 TFUE."

31. Il-qorti tar-rinviju ssostni li l-leġiżlazzjoni interna tippermetti biss li tiġi imposta multa fuq impriża meta ċertu ksur imwettaq (unikament) mid-diretturi tagħha li jeżerċitaw funzjonijiet ta' rappreżentazzjoni jistgħu jiġu imputati lilha [5].

32. Deutsche Wohnen u l-Gvern Ġermaniż jikkontestaw din il-formulazzjoni. Fil-fehma tagħhom, l-Artikolu 30 tal-OWiG għandu jiġi interpretat flimkien mal-Artikolu 9 u mal-Artikolu 130, it-tnejn li huma tal-OWiG, li flimkien magħhom dan jikkostitwixxi sistema ta' sanzjonijiet koerenti. Skont din is-sistema, impriża tista' tiġi ssanzjonata amministrattivament mingħajr ma jkun meħtieġ il-ftuħ ta' proċedura kontra l-persuna fiżika li tkun aġixxiet f'isimha [6].

33. Mitluba mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tippreżenta l-fehmiet tagħha dwar l-effett eventwali tal-Artikolu 130 tal-OWiG, il-qorti tar-rinviju wieġbet li dan ma huwiex rilevanti għall-ewwel domanda preliminari. Sabiex tiġġustifika l-pożizzjoni tagħha, hija ssostni li:

– Anki jekk dan l-artikolu, flimkien mal-Artikoli 9 u 30 tal-OWiG, jippermettu li jiġu imposti multi fuq impriża, il-protezzjoni ta' interessi legali offruta mill-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet hija ristretta ħafna meta mqabbla mas-sistema ta' responsabbiltà li tirriżulta mill-Artikoli 101 u 102 TFUE.

– Id-destinatarju tal-Artikolu 130 tal-OWiG huwa l-proprjetarju ta' impriża li kiser obbligu ta' sorveljanza. Il-prova tal-ksur tal-obbligi imputabbli lill-proprjetarju tal-impriża tmur lil hinn mill-konstatazzjoni ta' ksur tal-interessi legali mwettaq minn din l-istess impriża. Il-prova teħtieġ li jiġu investigati u ċċarati l-istrutturi u l-proċeduri interni (ġenerali u partikolari) li mhux biss f'dan il-każ, iżda fil-każijiet kollha ta' gruppi, huma estremament kumplessi, li jirriżulta li huwa impossibbli f'ħafna mill-każijiet. F'dan ir-rigward, il-kwistjoni hija jekk il-gruppi jistgħux, fir-realtà, jiġu kklassifikati bħala impriżi jew bħala proprjetarji ta' impriżi fis-sens tal-Artikolu 130 tal-OWiG.

34. Dawn il-kjarifiki juru li l-ewwel waħda mid-domandi preliminari tal-qorti tar-rinviju hija r-riżultat ta' interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali li, kuntrarjament għall-opinjoni tal-Gvern Ġermaniż, taċċetta sistema ta' responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi li l-karatteristiċi tagħha jagħmluha eventwalment inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

5 Taqsima II, punt 1 tad-deċiżjoni tar-rinviju. Ara l-punti 41 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

6 Punt 45 tan-nota tal-osservazzjonijiet ta' Deutsche Wohnen u punti 24 u 25 tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-Gvern Ġermaniż.

35. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha żżomm mal-kuntest ġuridiku nazzjonali kif deskritt mill-qorti tar-rinviju[7], li hija l-interpretu awtorizzat tad-dritt nazzjonali tagħha. Id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali għandhom jiġu solvuti fid-dawl tal-kuntest leġiżlattiv u fattwali ddefinit minnha taħt ir-responsabbiltà tagħha, u li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-preċiżjoni tiegħu[8].

36. Huwa għalhekk abbażi ta' dawn il-premessi li ser nindirizza l-analiżi tal-ewwel domanda preliminari.

*2. Il-persuni ġuridiċi destinatarji tas-sanzjoni fil-GDPR*

37. Skont id-dritt tal-Unjoni, ma teżisti l-ebda oġġezzjoni sabiex Deutsche Wohnen tiġi meqjusa bħala awtriċi tal-ksur u bħala persuna responsabbli għall-ħlas tas-sanzjoni imposta. Din il-possibbiltà tinsab, *b'mod astratt*, fil-GDPR u, *b'mod partikolari*, din intużat f'dan il-każ:

– B'mod astratt, kif ser nesponi iktar 'il quddiem, il-fatt li persuna ġuridika tista' tiġi ssanzjonata direttament għal ksur fil-qasam tal-protezzjoni tad-data ma huwiex rifless biss minn diversi dispożizzjonijiet tal-GDPR, iżda jikkostitwixxi, fir-realtà, wieħed mill-mekkaniżmi prinċipali sabiex tiġi ggarantita l-effettività ta' dan ir-regolament.

– B'mod partikolari, skont id-deċiżjoni tar-rinviju, il-multa kontenzjuża ġiet imposta fuq Deutsche Wohnen minħabba sensiela ta' ksur tal-GDPR attribwita lil din il-kumpannija, bħala kontrollur tad-data[9]. Din kienet is-suġġett ta' rikjesti min-naħa tal-awtorità għall-protezzjoni tad-data, li għalihom hija rrispondiet fit-termini diġà esposti sabiex, sussegwentement, tippersisti fl-azzjoni kkontestata minn din l-awtorità. Għalhekk, ma kienx hemm problema dwar l-identifikazzjoni tad-destinatarju tas-sanzjoni[10].

38. Fir-rigward tal-*approċċ astratt*, ma huwiex neċessarju li jingħataw wisq kunsiderazzjonijiet sabiex tiġi kkorroborata l-premessa li persuna ġuridika tista' tiġi ssanzjonata direttament bħala persuna li tikser il-GDPR. Din il-premessa hija dedotta mingħajr diffikultajiet ermenewtiċi mill-qari tal-Artikoli 4, 58 u 83 tal-GDPR:

– L-Artikolu 4 jiddefinixxi l-kunċetti ta' kontrollur jew ta' proċessur, b'riferiment espliċitu għall-fatt li l-persuni ġuridiċi jista' jkollhom din il-kwalità[11].

7 Fil-kuntest tal-proċedura skont l-Artikolu 267 TFUE, ibbażata fuq separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti tal-kawża prinċipali kif ukoll sabiex tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali. Sentenza tas-26 ta' April 2017, Farkas (C-564/15, EU:C:2017:302), punt 37.

8 Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari huwa possibbli biss jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex disponibbli l-elementi fattwali u legali neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (għal kollha, ara s-sentenza tas-27 ta' Settembru 2017, Puškár (C-73/16, EU:C:2017:725), punt 50). L-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkustanzi ma hija ssodisfatta f'dan il-każ.

9 Minkejja r-riżervi ta' Deutsche Wohnen li tammetti din il-kwalità waqt is-seduta pubblika, xorta jibqa' l-fatt li l-profil tagħha jikkorrispondi għad-definizzjoni ta' "kontrollur" stabbilita fl-Artikolu 4 tal-GDPR. Dan huwa l-każ, indipendentement mir-*responsabbiltà* li hija għandha effettivament għall-ksur allegat fil-konfront tagħha bħala "kontrollur".

10 Ħaġa oħra hija li sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tas-sanzjoni korrispondenti, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, l-integrazzjoni eventwali ta' Deutsche Wohnen u tas-sussidjarji tagħha f'unità ekonomika superjuri. Minkejja l-apparenzi, il-problemi klassiċi ta' attribuzzjoni ta' responsabbiltà bejn kumpanniji omm u sussidjarji jew gruppi ta' kumpanniji ma jqumux f'dan ir-rinviju.

11 L-Artikolu 4(7) tal-GDPR jiddefinixxi bħala "kontrollur", għal dak li huwa rilevanti fil-kawża ineżami, "persuna […] ġuridika, […] li, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' data personali", fil-punt 8 tiegħu, jiddefinixxi lil "proċessur" bħala "persuna […] ġuridika, […] [t]ipproċessa data personali f'isem il-kontrollur."

– L-Artikolu 58(2) jagħti lill-awtoritajiet superviżorji għadd ta' "setgħat korrettivi" fir-rigward tal-kontrolluri jew tal-proċessuri tad-data (jiġifieri, anki fir-rigward tal-persuni ġuridiċi). Fost dawn is-setgħat korrettivi hemm l-impożizzjoni ta' "multa amministrattiva" (subparagrafu i)).

– Billi jelenka l-kriterji għall-iffissar tal-ammont tal-multi amministrattivi, l-Artikolu 83 tal-GDPR jirreferi għal elementi li jistgħu, mingħajr diffikultà, jiġu kkonstatati fl-aġir tal-persuni ġuridiċi.

39. Minn dawn id-dispożizzjonijiet kollha jirriżulta, b'mod perfettament evidenti, li l-GDPR jipprevedi li l-multi amministrattivi li jirriżultaw mill-ksur tiegħu għandhom bħala eventwali destinatarju dirett persuna ġuridika[12]. L-imsemmija konstatazzjoni evidenti ġiet preżunta mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'dan il-qasam, li ma eżitawx li jissanzjonaw permezz ta' multi, xi kultant b'ammonti kbar, lil persuni ġuridiċi li kisru l-GDPR[13].

40. Fir-rigward tal-*approċċ konkret*, nirrepeti li l-awtorità għall-protezzjoni tad-data indirizzat lil Deutsche Wohnen bħala kontrollur tad-data, billi ordnatilha tħassar mill-fajls tagħha ċerta data personali tal-kerrejja, ordni li ġiet injorata minn din l-impriża matul ċertu perijodu, sakemm biddlet is-sistemi ta' ħżin tagħha.

### *3. Teżisti neċessità ta' imputazzjoni minn qabel lil persuna fiżika?*

41. Skont il-qorti tar-rinviju, id-dritt nazzjonali jeżiġi li, sabiex impriża tiġi ssanzjonata direttament għall-ksur tal-GDPR, għandha tkun ġiet ikkonstatata minn qabel ir-responsabbiltà ta' persuna fiżika. Mill-Artikolu 30 tal-OWiG jirriżulta dan: multa tista' tiġi imposta fuq impriża biss meta jistgħu jiġu imputati lilha ċertu ksur imwettaq mid-diretturi tagħha li għandhom funzjonijiet ta' rappreżentazzjoni, fil-kuntest ta' liema r-rappreżentant għandu jkun kiser ir-regola korrispondenti, billi wettaq l-elementi inkwistjoni b'mod illegali u b'nuqqas ta' diliġenza[14].

42. Quddiem l-oġġezzjoni tal-Gvern Ġermaniż, li jinvoka l-Artikolu 130 tal-OWiG sabiex jikkontesta l-interpretazzjoni tal-qorti tar-rinviju, din tirrispondi fit-termini li diġà indikajt meta rriproduċejt ir-risposta tagħha lill-Qorti tal-Ġustizzja[15]. Fil-qosor, hija ssostni li l-protezzjoni tal-interessi legali mogħtija minn din id-dispożizzjoni hija limitata ħafna, meta mqabbla mas-sistema ta' responsabbiltà li tirriżulta mill-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE.

43. Madankollu, ir-regola tad-dikjarazzjoni ta' responsabbiltà minn qabel tal-persuna fiżika, użata mill-qorti tar-rinviju, ma tkunx tapplika, jekk l-Artikolu 83(4) sa (6) tal-GDPR jadotta, bl-inkorporazzjoni fid-dritt nazzjonali, il-"kunċett funzjonali ta' impriża" li jikkaratterizza l-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE.

[12] Li jkopri wkoll, naturalment, id-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra deċiżjoni legalment vinkolanti ta' awtorità superviżorja li tikkonċernaha (Artikolu 78(1) tal-GDPR) u, għalhekk, anki kontra kull multa amministrattiva li tista' tiġi imposta fuqha.

[13] Eżempju ta' dan huwa meta l-awtorità għall-protezzjoni tad-data Irlandiża imponiet, fil-31 ta' Diċembru 2022, multi ta' EUR 210 miljun fuq Facebook u ta' EUR 180 miljun fuq Instagram.

[14] Taqsima II, punt 1 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

[15] Ara l-punt 32 ta' dawn il-konklużjonijiet.

*a) L-effett tal-kunċett użat fl-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE*

44. L-għan tal-Artikolu 83(4) sa (6) tal-GDPR huwa l-kalkolu tal-ammont tas-sanzjonijiet li għandhom jiġu imposti għat-tipi ta' ksur tal-GDPR imsemmija fih. B'mod partikolari, dawn it-tliet paragrafi jipprevedu l-possibbiltà li l-persuna ssanzjonata tkun "impriża."

45. Huwa f'dan il-kuntest li għandu jinftiehem ir-riferiment tal-premessa 150 tal-GDPR għall-kunċett ta' impriża fis-sens tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE. Infakkar li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-"dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jirreferi għall-attivitajiet tal-impriżi u [...] l-kunċett ta' impriża jkopri kull entità involuta f'attività ekonomika, irrilevanti mill-[istatus] legali ta' din l-entità u mill-mod li bih kienet iffinanzjata" [16].

46. Sa fejn l-ammont massimu tas-sanzjonijiet għal ksur tal-GDPR huwa stabbilit, għall-impriżi li hija kontrollur jew proċessur, għal perċentwali tal-"fatturat annwali dinji totali tas-sena finanzjarja preċedenti", ir-riferiment għad-determinazzjoni ta' dan l-ammont ma jistax jingħata mill-personalità ġuridika formali ta' kumpannija, iżda minn dak ta' "unità ekonomika", fis-sens imsemmi iktar 'il fuq.

47. Fil-fatt, skont l-Artikolu 83(1) tal-GDPR, il-multi amministrattivi previsti fil-paragrafi 4 sa 6 tiegħu għandhom ikunu "effettiv[i], proporzjonat[i] u disswaživ[i]." Tliet karatteristiċi li jistgħu jiġu rrakkomandati biss fir-rigward ta' multa li l-ammont tagħha huwa ddeterminat skont il-kapaċità ekonomika reali jew materjali tad-destinatarju tagħha. Minn hemm ġejja n-neċessità li wieħed jopera b'kunċett sostantiv jew ekonomiku ta' "impriża", iktar milli jirrikorri għal kunċett strettament formali, għall-kalkolu tas-sanzjoni.

48. Id-definizzjoni reali jew sostantiva ta' "impriża", karatteristika tad-dritt tal-kompetizzjoni [17], hija għalhekk f'idejn il-leġiżlatur Ewropew għad-determinazzjoni tal-ammont tal-multi minħabba ksur tal-GDPR. Madankollu, ninsisti, li huwa biss għal dan il-għan li l-GDPR jevoka dan il-kunċett.

49. Fil-kawża ineżami, il-kunċett ta' impriża msemmi fl-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE jista', għalhekk, ikun rilevanti sabiex tiġi kkwantifikata l-multa li għandha tiġi imposta fuq Deutsche Wohnen. Il-kwistjoni ta' jekk din tal-aħħar tingħatax, jew le, il-kwalità ta' entità ssanzjonata (*rectius*, l-awtur tal-ksur), hija waħda li ma tiddependix, strettament, fuq l-applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ artikoli tat-TFUE.

50. Dan ma jipprekludix li, b'analoġija, il-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-sistema tas-sanzjonijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni (li jibbenefikaw minn interpretazzjoni abbundanti tal-Qorti tal-Ġustizzja) japplikaw, *mutatis mutandis*, fil-qasam tar-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi għall-ksur tagħhom fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali [18].

*b) L-imputazzjoni diretta lil persuna ġuridika*

51. Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi sanzjonijiet amministrattivi fuq persuni ġuridiċi, bil-kundizzjoni ta' proċedura minn qabel ta' persuna fiżika, hija kompatibbli mal-GDPR?

[16] Sentenza tas-27 ta' April 2017, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-516/15 P, EU:C:2017:314), punt 47.

[17] Ara, is-sentenza tal-10 ta' April 2014, Areva *et* vs Il-Kummissjoni (C-247/11 P u C-253/11 P, EU:C:2014:257), punt 123.

[18] Kif diġà esponejt, il-problemi dwar ir-relazzjoni bejn il-kumpanniji omm u s-sussidjarji jibqgħu barra mill-ambitu ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, għal finijiet ta' sanzjonar. Fir-rinviju għal deċiżjoni preliminari lanqas ma saru domandi dwar l-oneru tal-prova tal-fatti allegati.

52. In-natura tal-GDPR tinkludi, minbarra l-portata ġenerali tagħha, in-natura vinkolanti tagħha u l-applikabbiltà diretta tagħha f'kull Stat Membru, skont l-Artikolu 288 TFUE. Dawn il-karatteristiċi ikunu mdgħajfa jekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddevjaw mill-konfigurazzjoni definittiva tar-rekwiżiti imposti mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-GDPR.

53. Huwa minnu li, preċiżament minħabba s-singularità u l-karatteristiċi tal-għan tagħhom, ċerti dispożizzjonijiet tal-GDPR iħallu ċertu marġni ta' manuvra lill-Istati Membri sabiex iżommu jew jadottaw regoli nazzjonali, bil-għan li wħud minnhom jiġu speċifikati fi grad ogħla. Dan huwa l-każ, pereżempju:

– Fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali għall-konformità ma' obbligu legali, għat-twettiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-kontrollur [19].

– Fir-rigward tal-ipproċessar ta' kategoriji partikolari ta' data personali, il-GDPR ma jeskludix li l-Istati Membri jiddeterminaw iċ-ċirkustanzi relatati ma' sitwazzjonijiet partikolari ta' pproċessar, inkluża l-indikazzjoni ddettaljata tal-kundizzjonijiet ta' legalità ta' dan l-ipproċessar [20].

54. Dan il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istat, li ġie diskuss waqt is-seduta, ma jistax, fl-opinjoni tiegħi, jiġi estiż sal-punt li titnaqqas l-imputabbiltà ta' persuna ġuridika bħal, skont il-qorti tar-rinviju, ma jirriżulta mill-Artikolu 30 tal-OWiG.

55. Tali konfigurazzjoni tas-sistema ta' responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi tippermetti li jitħalla barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema ta' sanzjonijiet tal-GDPR ksur li, skont dan ir-regolament, għandu jiġi attribwit lil persuna ġuridika sa fejn din ikollha l-kwalità ta' kontrollur jew ta' proċessur. Dan ikun il-każ meta l-persuni fiżiċi li jirrappreżentaw, jiġġestixxu jew jassumu l-ġestjoni tal-persuna ġuridika ma jkunux ipparteċipaw f'dan il-ksur.

56. Sa fejn, nirrepeti, persuna ġuridika tista' tkun responsabbli għall-ipproċessar tad-data u, f'din il-kwalità, tkun awtur tal-ksur tal-GDPR imputabbli lilha, l-applikazzjoni tal-Artikolu 30 tal-OWiG tista' twassal għal tidjif jew għal tnaqqis mhux iġġustifikat tal-qasam ta' aġiri li jistgħu jiġu ssanzjonati, li ma huwiex konformi mal-previżjoni ġenerali tal-GDPR innifsu.

57. Persuna ġuridika li tista' tiġi kklassifikata bħala kontrollur jew proċessur ta' data personali għandha tbati l-konsegwenzi, f'termini ta' sanzjonijiet, tal-ksur tal-GDPR imwettaq mhux biss mir-rappreżentanti, mid-diretturi jew mill-amministraturi tagħha, iżda anki mill-persuni fiżiċi (impjegati fis-sens wiesa') li jaġixxu fil-kuntest tal-attività kummerċjali tagħha u taħt il-kontroll tagħhom.

58. Dawn il-persuni fiżiċi jifformaw u jiddefinixxu, fir-realtà, ir-rieda tal-persuna ġuridika, billi jimmaterjalizzawha permezz ta' atti partikolari u konkreti. Atti partikolari li, bħala manifestazzjoni *in concreto* ta' din ir-rieda, huma, fl-aħħar mill-aħħar, attribwibbli lill-persuna ġuridika nnifisha.

59. Fl-aħħar mill-aħħar, dawn huma persuni fiżiċi li, mingħajr ma huma, fis-sens strett tal-kelma, rappreżentanti ta' persuna ġuridika, jaġixxu taħt l-awtorità ta' dawk li, inkwantu rappreżentanti ta' din tal-aħħar, ikunu ħatja ta' nuqqas ta' sorveljanza jew ta' kontroll fuq tal-ewwel. Finalment,

[19] Premessa 10 tal-GDPR.

[20] *Loc. ult. cit.*

l-imputabbiltà tispiċċa twassal għall-persuna ġuridika nnifisha, sa fejn il-ksur tal-impjegat li jaġixxi taħt l-awtorità tal-korpi tat-tmexxija tagħha huwa nuqqas fis-sistema ta' kontroll u ta' sorveljanza, li taqa' taħt ir-responsabbiltà diretta tagħha.

60. Dak li ntqal iktar 'il fuq jikkorrispondi mal-interpretazzjoni li l-qorti tar-rinviju tagħmel tad-dritt nazzjonali tagħha. Issa, il-Gvern Ġermaniż isostni li l-applikazzjoni konġunta tal-Artikoli 9, 30 u 130 tal-OWiG tfassal sistema li fiha ksur attribwit lil persuna ġuridika, imwettaq minn persuni fiżiċi li ma għandhomx funzjonijiet ta' tmexxija jew ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika, jista' jiġi ssanzjonat mingħajr ma jkun neċessarju li jiġu identifikati [21].

61. Kif diġà indikajt preċedentement, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tinterpreta d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha. Jekk, skont il-ġurisprudenza nazzjonali u d-duttrina invokati mill-Gvern Ġermaniż [22], dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, hija kwistjoni li għandhom jiddeċiduha l-qrati tiegħu.

62. Fil-każ li tali interpretazzjoni tkun *contra legem* u jirriżulta li ma jkunx possibbli, minħabba l-istruttura partikolari tas-sistema nazzjonali ta' sanzjonijiet tagħha, li tagħti applikazzjoni sħiħa għar-regoli tal-GDPR f'dan il-qasam, il-qorti tar-rinviju jkollha teskludi l-applikazzjoni tar-regola nazzjonali inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, sabiex tiżgura s-supremazija tal-GDPR.

### *4. It-tieni domanda preliminari*

63. Il-Qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, skont l-Artikolu 83(4) sa (6) tal-GDPR, "l-impriża għandha tkun wettqet b'mod żbaljat [b'*dolo* jew b'negliġenza] il-ksur bl-intervent ta' kollaboratur […], jew, ksur oġġettiv ta' obbligu tal-impriża huwa bħala prinċipju suffiċjenti sabiex tiġi imposta multa fuq l-impriża ("*strict liability*")? [23].

64. Id-domanda fformulata b'dan il-mod hija ta' natura ipotetika, li tirrendiha inammissibbli, għal żewġ raġunijiet.

65. Fl-ewwel lok, skont id-digriet tar-rinviju, is-sanzjoni imposta fuq Deutsche Wohnen ġiet imposta għal aġir li jiddenota *dolo* (intenzjonali) u mhux għas-sempliċi "ksur oġġettiv" tal-GDPR. L-espożizzjoni tal-fatti li ġiet traskritta iktar 'il fuq, turi li din l-impriża ma kkonformatx mat-talba tal-awtorità għall-protezzjoni tad-data konxjament u intenzjonalment u ppersistiet fl-ipproċessar tad-data kkritikat. Huwa irrilevanti, għal din il-klassifikazzjoni, li hija kienet invokat għadd ta' diffikultajiet tekniċi u legali meta ġiet biex timmodifika s-sistemi tagħha ta' pproċessar ta' data.

[21] Punt 25 tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-Gvern Ġermaniż. Kontra dan l-argument, il-qorti tar-rinviju ssostni, fit-termini riprodotti iktar 'il fuq, li, anki flimkien mal-Artikoli 9 u 30 tal-OWiG, il-protezzjoni tal-interessi legali mogħtija mid-dritt nazzjonali hija ristretta ħafna meta mqabbla mas-sistema ta' responsabbiltà li tirriżulta mill-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE.

[22] Punt 25 tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-Gvern Ġermaniż, noti ta' qiegħ il-paġna 16 sa 18.

[23] Il-frażi *strict liability* tikkorrispondi, fit-traduzzjoni Ingliża komuni tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-espressjonijiet *responsabilidad objetiva* (verżjoni Spanjola); *responsabilité objective* (verżjoni Franċiża); *responsabilità oggettiva* (verżjoni Taljana); *responsabilidade objetiva* (verżjoni Portugiża); *objektiven Verantwortlichkeit* (verżjoni Ġermaniża) u *objectieve aansprakelijkheid* (verżjoni Olandiża).

66. Fit-tieni lok, mitluba mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċċara d-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju indikat li l-qorti tal-ewwel istanza ma hijiex marbuta mill-konstatazzjonijiet magħmula fid-deċiżjoni ta' sanzjoni u li, fil-futur, dik il-qorti tista' tiddeċiedi dwar il-motivi tar-rikors kontra s-sanzjoni. Jekk tasal għall-konklużjoni li l-ksur seħħ, għandu jiġi ddeterminat liema tip ta' nuqqas seħħ, u dan jiddependi mir-risposta għal din it-tieni domanda preliminari.

67. Abbażi ta' din il-kjarifika, it-tieni domanda preliminari għal darba oħra turi n-natura ipotetika tagħha: is-sentenza dwar il-klassifikazzjoni tal-aġir ma hijiex indispensabbli sabiex tiġi deċiża l-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju iżda, jekk ikun il-każ, wara li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-qorti tal-ewwel istanza, sabiex din tiddeċiedi fil-futur.

68. Fi kwalunkwe każ, u fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li teżamina l-mertu, inqis li r-risposta għal din id-domanda ma tiddependix fuq l-interpretazzjoni tal-paragrafi 4 sa 6 tal-Artikolu 83 tal-GDPR, li s-suġġett tagħhom huwa l-kwantifikazzjoni tal-multi amministrattivi.

69. Il-qorti tar-rinviju tagħmel distinzjoni bejn: a) il-ksur imwettaq mill-impjegat ta' persuna ġuridika u b) l-eżistenza ta' *dolo* jew ta' negliġenza min-naħa tal-persuna ġuridika f'dan il-ksur.

70. Fil-fehma tiegħi, il-"ksur bl-intervent ta' kollaboratur" huwa fil-verità, u fid-dawl ta' dak li ġie espost fil-kuntest tal-ewwel domanda, ksur imwettaq mill-persuna ġuridika li taħt l-awtorità tagħha huwa aġixxa.

71. Għalhekk, ifformulata korrettament, id-domanda tirrigwarda l-possibbiltà li persuna ġuridika tista' tiġi ssanzjonata għall-ksur oġġettiv (mingħajr *culpa*) tal-obbligi li hija għandha bħala kontrollur jew proċessur tad-data.

72. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, jista' jkun utli li jsir riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) dwar il-prinċipju ta' legalità f'materji kriminali, iggarantit mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB).

73. Għalkemm il-KEDB ma tikkostitwixxix, fl-assenza ta' adeżjoni tal-Unjoni magħha, strument legali integrat formalment fl-ordinament ġuridiku tagħha, id-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti minn din il-konvenzjoni jagħmlu parti mid-dritt tal-Unjoni bħala prinċipji ġenerali (Artikolu 6(3) TUE).

74. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "l-Artikolu 52(3) tal-Karta [tad-Drittijet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea], li jipprovdi li d-drittijiet inklużi fiha li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-KEDB għandhom l-istess tifsira u l-istess portata bħal dawk mogħtija lilhom mill-imsemmija konvenzjoni, huwa intiż biex jiżgura l-koerenza neċessarja bejn dawn id-drittijiet rispettivi mingħajr ma tiġi ppreġudikata l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja [24]".

75. Issa, id-duttrina tal-QEDB fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tal-KEDB tinkludi sfumaturi li ma humiex kompletament konkordanti:

– Minn naħa, għalkemm dan l-artikolu ma jsemmix espressament ir-rabta morali bejn l-element materjali tal-ksur u l-persuna meqjusa bħala l-awtur tiegħu, il-loġika tas-sanzjoni u l-kunċett innifsu ta' *culpa* jwasslu sabiex dan jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi, bħala kundizzjoni

[24] Sentenza tat-2 ta' Frar 2021, Consob (C-481/19, EU:C:2021:84), punt 36.

tas-sanzjoni, rabta ta' natura intellettwali (kuxjenza u volontà) li tippermetti li jiġi stabbilit element ta' responsabbiltà fl-aġir tal-awtur materjali tal-ksur[25].

– Min-naħa l-oħra, kif osserva l-Gvern Norveġiż waqt is-seduta, il-QEDB ma tipprekludix l-issanzjonar ta' fatti oġġettivi. Fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Ottubru 1988, Salabiaku vs Franza[26], hija ddeċidiet li dan huwa l-każ biss "bħala prinċipju u taħt ċerti kundizzjonijiet", peress li għalkemm il-KEDB ma tipprekludix il-preżunzjonijiet, "fil-qasam kriminali, hija tobbliga lill-Istati kontraenti sabiex jibqgħu f'ċerti limiti"[27].

76. Fir-realtà, l-importazzjoni tal-kategoriji dommatiċi tad-dritt kriminali (*nulla poena sine culpa*) għall-applikazzjoni tagħhom fid-dritt amministrattiv ta' sanzjonar tippreżenta diffikultajiet kunsiderevoli ermenewtiċi. Taħt il-kunċett ta' *culpa* (fil-forma tagħha ta' negliġenza) jistgħu jaqgħu sitwazzjonijiet ta' sempliċi ksur ta' dispożizzjoni legali, meta l-awtur tiegħu kellu d-dmir li jkun jaf liema aġir kien meħtieġ minnu.

77. Minn din il-perspettiva, id-diversi forom ta' *culpa*, inklużi dawk ta' inqas gravità, kif ukoll id-diversi titoli ta' akkuża (pereżempju, *culpa in vigilando* jew *in eligendo*), jistgħu jkunu msejsa fuq aġir li, minn perspettiva oħra, ebda qorti ma tikkwalifika bħala sitwazzjonijiet ta' responsabbiltà oġġettiva. Għaldaqstant, id-demarkazzjonijiet bejn kategorija u oħra ma humiex daqstant ċari fid-dritt amministrattiv ta' sanzjonar kif jidher li jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju.

78. Ċertament, fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat, f'ċerti każijiet, sistema li hija tikklassifika bħala ta' responsabbiltà oġġettiva fil-qasam tas-sanzjonijiet. Dan huwa dak li għamlet, pereżempju, fis-sentenza tat-22 ta' Marzu 2017, Euro-Team u Spirál-Gép, f'dawn it-termini:

– "[f]ir-rigward [...] tal-kompatibbiltà, mal-proporzjonalità, tal-istabbiliment ta' responsabbiltà oġġettiva, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet ripetutament li tali sistema ta' li tissanzjona ksur ta' regolament ma hijiex, per se, inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni";

– "l-istabbiliment ta' sistema ta' responsabbiltà oġġettiva ma hijiex sproporzjonata meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija, meta din is-sistema tkun tali li tħeġġeġ lill-persuni kkonċernati sabiex josservaw id-dispożizzjonijiet ta' regolament u meta l-għanijiet segwiti jkollhom interess ġenerali li jista' jiġġustifika l-istabbiliment ta' tali sistema[28]."

79. Madankollu, din id-duttrina ġiet stabbilita f'setturi oħra għajr il-protezzjoni tad-data, fir-rigward tal-ksur ta' obbligi ta' azzjoni b'konnotazzjonijiet preferibbilment formali: kienu sanzjonijiet imposti għall-użu ta' taqsima tal-awtostrada mingħajr ma jkun tħallas l-ammont tal-pedaġġ korrispondenti[29], jew għal ksur tad-dispożizzjonijiet relatati mal-użu tal-folja tar-reġistrazzjoni ta' apparat ta' kontroll installat fi trakk[30].

25 Sentenza tal-QEDB tal-20 ta' Jannar 2009, Sud Fondi *et* vs L-Italja (CE:ECHR:2009:0120JUD007590901, § 116).

26 CE:ECHR:1988:1007JUD001051983.

27 Sentenza tal-QEDB tas-7 ta' Ottubru 1988, Salabiaku vs Franza, §§ 27 u 28.

28 Sentenza tat-22 ta' Marzu 2017, Euro-Team u Spirál-Gép (C-497/15 u C-498/15, EU:C:2017:229), punti 53 u 54, li tiċċita s-sentenza tad-9 ta' Frar 2012, Urbán (C-210/10, EU:C:2012:64), punti 47 u 48 rispettivament.

29 Sentenza tat-22 ta' Marzu 2017, Euro-Team u Spirál-Gép (C-497/15 u C-498/15, EU:C:2017:229).

30 Sentenza tad-9 ta' Frar 2012, Urbán (C-210/10, EU:C:2012:64).

80. Fir-rigward tal-obbligi previsti mill-GDPR – li fosthom hemm dawk li jikkundizzjonaw l-ipproċessar tad-data (Artikolu 5 tal-GDPR) u l-legalità tagħha (Artikolu 6 tal-GDPR) – l-evalwazzjoni tal-osservanza timplika proċess ta' evalwazzjoni u ta' prosekuzzjoni kumpless, lil hinn mis-sempliċi konstatazzjoni ta' ksur formali.

81. Fi kwalunkwe każ, jiena tal-opinjoni li l-Artikolu 83 tal-GDPR jikkorrobora l-esklużjoni ta' sistema ta' responsabbiltà oġġettiva (mingħajr *culpa*) fil-qasam tas-sanzjonar, jiġifieri jeħtieġ l-eżistenza ta' intenzjonalità jew negliġenza fl-aġir li għandu jiġi ssanzjonat. Dan jirriżulta, fil-fehma tiegħi, minn diversi paragrafi tiegħu:

– Skont il-punt 1, għandu jiġi żgurat li l-multi imposti fuq il-ksur ikunu "proporzjonati." Il-prinċipju ta' proporzjonalità tas-sanzjonijiet huwa ggarantit mill-Artikolu 49 tal-Karta u, konsegwentement, mid-duttrina tal-QEDB li semmejt iktar 'il fuq.

– Il-punt 2(b) isemmi espressament il-"karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur" bħala element determinanti għall-impożizzjoni ta' multa amministrattiva u tal-ammont tagħha[31]. Il-fatturi l-oħra elenkati fil-punti (a) sa (k) ta' dan l-istess paragrafu jindividwalizzaw iċ-ċirkustanzi rilevanti ta' kull każ u diversi minnhom jinkludu komponent suġġettiv[32], mingħajr ma tirriżulta, f'dan ir-rigward, is-sempliċi oġġettività tal-ksur.

– Il-punt 3 jipprevedi li l-ksur simultanju "intenzjonalment jew b'negliġenza", mill-kontrollur jew mill-proċessur, ta' diversi dispożizzjonijiet tal-GDPR (konkors ta' istanzi differenti ta' ksur) iwassal sabiex l-ammont tal-multa ma jaqbiżx dak previst għall-ksur l-iktar gravi. Għaldaqstant, huwa preżunt li l-ksur sempliċement oġġettiv huwa irrilevanti, għall-finijiet tas-sanzjonijiet, sa fejn ma jkunx akkumulat ma ksur intenzjonali jew negliġenti.

82. It-teżi li għadni kif spjegajt tista' ma tkunx rilevanti jekk, kif isostnu ċerti gvernijiet li intervjenew, l-assenza ta' dispożizzjonijiet *espliċiti* fuq dan il-punt fil-GDPR timplika li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jagħżlu jew sistema ta' responsabbiltà suġġettiva (intenzjonalità jew negliġenza), jew sistema li tinkludi wkoll responsabbiltà oġġettiva.

83. Nirrikonoxxi li l-pożizzjoni ta' dawn il-gvernijiet għandha ċertu appoġġ argumentattiv: sa fejn l-Artikolu 83(2) tal-GDPR jirreferi għall-intenzjonalità jew għan-negliġenza tal-ksur bħala fatturi għall-iffissar tal-ammont tal-multa, u mhux bħala elementi indispensabbli (essenzjali) għall-aġir innifsu li jikkostitwixxi ksur, din id-dispożizzjoni tħalli lill-Istati Membri l-possibbiltà li jorganizzaw liberament dawn l-elementi essenzjali tal-ksur.

84. Madankollu jiena tal-fehma, bħall-Kummissjoni, li l-interpretazzjoni korretta tas-sistema ta' sanzjonijiet stabbilita mill-GDPR, li l-applikabbiltà diretta tiegħu hija inkontestabbli, jimmilita favur soluzzjoni unitarja u konsistenti[33] mill-Istati Membri kollha u mhux għaliex kull wieħed minnhom jiddeċiedi huwa stess jekk il-ksur li għandu jiġi ssanzjonat għandux jew ma għandux jiġi estiż għall-ksur li ma għandux natura intenzjonali jew negliġenti.

31 Ara, madankollu, il-punti 82 u 83 ta' dawn il-konklużjonijiet.

32 B'hekk, pereżempju, il-punt a) jirreferi għall-għan tal-operazzjoni tal-ipproċessar. Il-punt c), il-miżuri meħuda biex jiġu rrimedjati d-danni. Il-punt d), il-grad ta' responsabbiltà skont il-miżuri implimentati. Il-punt f), il-grad ta' kooperazzjoni mal-awtorità ta' superviżjoni.

33 Il-premessa 150 tal-GDPR talludi għall-*applikazzjoni konsistenti tal-multi amministrattivi* mill-Istati Membri. Għall-kuntrarju, huma jistgħu jiddeterminaw "jekk l-awtoritajiet pubbliċi għandhomx ikunu soġġetti għal multi amministrattivi u sa liema punt." Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi għad-Danimarka u għall-Estonja li għalihom isir riferiment fil-premessa 151 u għas-sitwazzjonijiet riprodotti fil-premessa 152.

85. Fil-fehma tiegħi, ir-rilevanza tas-soluzzjoni unitarja (u n-nuqqas ta' vijabbiltà tas-soluzzjoni ta' nuqqas ta' unità) hija kkorroborata mill-premessi tal-GDPR iċċitati mill-qorti tar-rinviju fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, fejn tiġi ripetuta n-neċessità li l-ksur jiġi ssanzjonat permezz ta' sanzjonijiet ekwivalenti [34]. Ma jkunx hemm ekwivalenza jekk ikun permess li kull Stat Membru jitipifika ksur ta' natura differenti, billi jinkludi dawk li jikkonsisti f'sempliċi ksur oġġettiv mingħajr ebda element intenzjonali jew negliġenti.

## V. Konklużjoni

86. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi lill-Kammergericht Berlin (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Berlin, il-Ġermanja) kif ġej:

L-Artikolu 58(2)(i) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), moqri flimkien mal-Artikolu 4(7) u mal-Artikolu 83 tal-istess Regolament,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-impożizzjoni ta' multa amministrattiva fuq persuna ġuridika inkwantu kontrollur data personali ma hijiex suġġetta għall-konstatazzjoni minn qabel tal-eżistenza ta' ksur imwettaq minn persuna fiżika jew minn persuni fiżiċi partikolari fis-servizz ta' din il-persuna ġuridika.

Il-multi amministrattivi li jistgħu jiġu imposti skont ir-Regolament 2016/679 jeħtieġu li tiġi kkonstatata n-natura intenzjonali jew negliġenti tal-aġir li jikkostitwixxi l-ksur issanzjonat."

[34] Il-premessa 10 tal-GDPR titlob għal "applikazzjoni *konsistenti u omoġenea* tar-regoli għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali [...]" (mingħajr korsiv fil-verżjoni oriġinali). Il-premessa 11 tipprovdi li l-ksur għandu jkun suġġett għal *sanzjonijiet ekwivalenti*, espressjoni testwali li hija ripetuta fil-premessi 11 u 13.